

# il-hajja ta' kristu gesu'

## IT-TRASFIGURAZZJONI

**Matt. 17:1-13; Mark 9:2-13; Luqa 9:28-36**



Biex telghu l-muntanja hdejn Cesarea ta' Filippi, Xmun Pietru, Gakbu u Giovanni ghejjew ghal ahhar u meta sabu post ghal kenn poggew bilqieghda biex jistriehu. Maghhom kien hemm Gesu' u dawn is-sajjieda ma kienux imdorrija jixxabbtu jew jitilghu muntanji. Bla dubju aktar kienu jiehdu pjacir jaghmlu xi qadfa bid-dghajsa fuq l-ilma bahar milli jitilghu l-muntanja. Imma la l-Imghallem taghhom Gesu' talabhom jakkumpanjawh fuq il-muntanja, huma ma riedux ihalluh wahdu. Lil Imghallem taghhom kienu jhobbuh u qatt ma kienu ser jabbandunawh. Billi issa kellhom fuqhom ghajja kbira, l-appostli raqdu u hallew lil Gesu' jitlob wahdu. Waqt li t-tlett dixipli kienu reqdin, sehhet bidla kbira fuq l-imghallem taghhom; wiccu sar jiddi bhax-xemx u lbiesu saru bojod daqs is-silg u fuq kull naha

kellu ragel, wiehed kien Mose’ u l-iehor Elija. Mose’ kien dak li hareg lill-poplu lhudi minn taht idejn Farawn, Elija kien profeta li permezz tieghu Alla kien ikellem lill-poplu tieghu.

Hekk kif it-tlett Appostli qamu minn nghas taghhom, huma lemhu quddiem din ix-xena ta’ l-ghageb. Hekk kif Mose u Elija bdew jghibu, Pietru qal: “Mulej kemm hi haga sabiha li noqghodu hawn. Ejja nibnu tlett tined, wahda ghalik, l-ohra ghal Mose’ u l-ohra ghal Elija.”

Filwaqt li Pietru kien qed jitkellem shaba bajda ghattitulhom.  Imbaghad instema’ lehen mis-sema jghid: “Dan hu Ibni l-Mahbub li fih Jiena sibt il-Ghaxqa tieghi.” Meta semghu hekk, l-appostlu nizlu wicchom fl-art bil-biza’.

Gesu’ imbaghad gie hdejn l-appostli, misshom u qalilhom:”Qumu, tibzghux.”
Meta kienu nezlin mill-muntanja Gesu’ qalilhom biex ma jghidu lil had b’dak li kienu raw u semghu sakemm jasal iz-zmien li hu jqum mill-imwiet.
Kristu habbrilhom li hu kellu jbati minn hutu l-lhud

## RIFLESSJONI

Min ihares il-kmandamenti ta’ Gesu’,  Alla jiehu gost bih u jghid lid-dixxiplu bhalma qal ghal Gesu’, li jitghaxxaq bih. Jaghti gost lil Alla min jaghmel dak li jrid Alla, u ma jaghtix gost lil Alla dak li jaghmel dak li ma jridx Alla.

Ghal min jaghmel ir-rieda ta’ Alla hemm lest premju sabih u kbir.  U biex juri dan, Kristu wera’ ftit mill-glorja li qed tistenna lid-dixxiplu ta’ Kristu lit-tlett appostli. U dawn hadu gost li had ma jista’ jfissru. Qalulu “ Mghallem tridx nibnu hawn tlett tined wahda ghalik, wahda ghal Mose’ u l-ohra ghal Elija” minghajr ma hasbu ghalihom infushom.

Pero ghal premju hekk kbir irridu nkunu lest li nbatu, naghmlu penitenza, nerfghu s-salib ghax minghajr salib u penitenza ma hemmx glorja